MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1042/2003

**A B**
**vs**
**C B D illum C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta’ Awissu 1996, skond ma jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv, illi kopja tieghu qed tigi annessa, esibita u mmarkata bhala Dok. A, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ghal ftit xhur biss.

Peress illi permezz ta’ sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta’ Novembru 2002, illi ggib in-numru 174/02, dan iz-zwieg gie dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Peress illi l-partijiet kellhom tifel minuri Shane li llum ghandu sitt (6) snin.

Peress illi l-attur ilu ma jara lil ibnu ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs u dan bhala rizultat ta’ l-agir abbusiv, illegali u rresponsabbli tal-konvenuta li qed iccahdu mid-dritt tieghu li jaccedi ghal ibnu.

Peress illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba eccessi, mohqrija, theddid u ngurji gravi da parti tal-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur, kif wkoll minhabba inkompatibilita’ serja ta’ karattru bejn il-partijiet.

Peress illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi b’ dan l-istanza permezz ta’ Digriet moghti mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Awissu 2003, liema Digriet, li kopja tieghu qed tigi annessa, esibita u mmarkata bhala Dok B, igib in-numru 1240/2003.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dina l-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet fuq premessi u b’ tort uniku tal-konvenuta.

2. Takkorda lill-attur access shih u liberu ghat-tifel minuri Shane, fl-eventwalita’ li l-kura u l-kustodja ta’ l-imsemmi minuri tigi fdata f’ idejn il-konvenuta.

3. Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kull dritt ta’ manteniment minghand l-attur.

4. Tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut f’ sehemijiet li jigu decizi minn dina l-Onorabbli Qorti, filwaqt li jigu dikjarati proprjeta’ unika ta’ l-attur dawk l-oggetti mobbli u/jew immobbli li huma parafernali tieghu.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja.

6. Tordna li ssir l-annotazzjoni relattiva tas-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

Illi l-konvenuta ma topponix ghas-separazzjoni personali pero’ din ghandha tigi ppronunzjata mhux minhabba tort tal-konvenuta izda minhabba htijiet imputabbli lill-attur.

Illi hija topponi bil-qawwa ghat-tieni talba rigwardanti l-access u dan minhabba l-karattru abbuziv u vjolenti ta’ l-attur kif ser jigi ampjament ippruvat waqt dawn il-proceduri.

Illi hija topponi ghat-tielet talba stante illi filwaqt illi l-attur qieghed shab f’ negozju hija ma tahdimx minhabba li trid tiehu hsieb it-tifel Shane ta’ seba’ snin.

Illi hija ma topponix ghar-raba’ talba.

Illi hija topponi ghall-hames talba stante li m’ hemmx lok ghan-nomina ta’ nutar essendo illi li m’ hemmx proprjeta’ fil-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi hija ma topponix ghas-sitt talba.
Rat il-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjnanti li tinsab a fol.49 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat li tinsab a fol.54 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Neville Camilleri minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna u tal-kontro talba l-partijiet qedin principalment jitolbu s-separazzjoni personali bejniethom ghar-ragunijiet imputabbli lil xulxin; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali, inkluzi l-kura u kustodja u l-access ghal binhom minuri u l-quantum tal-manteniment dovut ghall-istess minuri.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fl-14 ta' Awissu 1996 u minn dan iz-zwieg twieled il-minuri Shane li llum ghandu 10 snin. Fis-26 ta' Novembru 2002 iz-zwieg gie annullat in forza ta' sentenza fl-ismijiet inversi.[1]

Illi fil-mori tal-kawza, u senjatament fis-seduta peritali tat-3 ta' Gunju 2004[2], il-partijiet irregistraw is-segwenti verbal kongunt: " illi a rigward tal-komunjoni ta' l-akkwisti hemm qbil fis-sens li l-partijiet hadu sehemhom mill-istess komunjoni, u li ma hemm l-ebda pretensjonijiet ohra. Jiddikjaraw ukoll illi l-istess jinghad ghall-proprjeta' parafernali tal-partijiet."

Illi fl-istess seduta, il-partijiet iccaraw u ddikjaraw "illi l-unici punti li m' hemmx qbil fuqhom huma: [a] l-access ghal-minuri, u [b] l-ammont ta' manteniment [ghal minuri]."

**Kura u Kustodja**

Illi ma hemmx dubju li din hija l-vertenza principali bejn il-partijiet. Il-minuri Shane illum ghandu 10 snin u jghix ma' ommu, u ghamel circa hames snin ma jara lil missieru, cirkostanza dovuta ghall-komportament preokkupanti da

---

[1] Cit.174/02

[2] Fol.130

parti tal-konvenuta li l-azzjonijiet taghha huma diretti sabiex taqta' kull kuntatt bejn il-minuri u missieru, evidenzjat ukoll mill-proposta taghha li tirrinunzjal ghall-manteniment jekk il-missier jaccetta li ma rarax lil ibnu. Hija tittanta tiggustifika il-komportament taghha bi skuzi ta' biza' u ta' agir irresponsabbli da parti ta' l-attur fil-konfront tal-minuri, mentri li provi juru mod iehor kif jirrizulta ampjament mir-rapport tas-social worker prezentat fid-29 ta' Settembru 2004 fejn din ikkonstatat hekk:

". . Shane B, dan urina li ma jiftakar xejn milli gara bejn ommu C B D u missieru A B. Bilkemm jiftakar min hu missieru. Pero' C B D bdiet tinsisti li Share B jiftakar f' meta weggghalu rasu u f' meta kien ta' xi daqqiet fuq il-hajt u okkazzjonijiet ohra ta' vjolenza. Pero' it-tifel ma kienx qed jidher li qed jiftakar xejn. Shane B ma wera l-ebda oggezzjoni li jara lil missieru . ."[3]

Illi huwa opportun li f' dan l-istadju jigi riprodott il-bran citat mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, u li japplika bis-shih ghal kaz odjern:

"The Court should at all times seek the best interest of the child irrespective of the allegations, true or false, make against each other by the parties. Such allegations often serve to distance onself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversied between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child." *[PA. Sylvia Melfi vs Philip Vassallo deciza 25 ta' Novembru 1998].*

Illi fil-kaz in disamina ghandu jirrizulta car li l-minuri ghandu bzonn lil missieru f' hajtu daqs kemm ghandu bzonn lil ommu, u dana rrispettivament mir-relazzjoni tal-genituri fil-konfront ta' xulxin. Ghalhekk gjaladarba ma

[3] Fol.124 – sottolinear ta' din il-Qorti

rrizultax provat li l-attur agixxa b' mod abusiv fil-konfront tal-minuri, u gjaladarba li l-minuri ma wera ebda oggezzjoni li jara lil missieru, dana ghandu jkollu parti attiva fil-hajja tal-minuri, principalment fl-interess tal-minuri u sekondarjament bid-dritt tieghu bhala missier.

In vista tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit legali f' dan ir-rigward:

[1] Illi l-kura u kustodja tkun wahda kongunta, sabiex tippermetti liz-zewg genituri jiehu parti attiva fil-hajja tal-minuri;

[2] Illi, stante li l-minuri ilu zmien twil jghix ma' ommu, huwa ghandu jibqa' jghix ma' l-attrici, bid-dritt ta' access ghal missier;

[3] Illi access tal-missier ghal ibnu jkun wiehed estensiv biex tippermettilhom li dawna jibnu relazzjoni tajba bejniethom. Ghalkemm inizjalment ikun prudenti, stante li dawn kienu ghamlu zmien twil ma jkollhom kuntatt bejniethom, li l-access ghall-ewwel tlett xhur ikun wiehed ridott u eventwalment estiz ghall-modalita' kif mfassla mill-perit legali.

Illi <u>fix-xitwa</u> l-access tal-missier ikun kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis, u kull nhar ta' Sibt. Fl-ewwel tlett xhur l-access ikun mit-3.00 pm sal-4.00 pm matul il-gimgha, u mill-10.00 am sal 11.00 am fil-gurnata tas-Sibt. Wara tlett xhur l-access ta' matur il-gimgha jkun mit-3.00 pm sal-4.30 pm u nhar ta' Sibt mill-10.00 am sal-4.00 pm.

<u>Fix-xhur tas-sajf</u> [minn Lulju sal-20 ta' Settembru] l-access ta' matul il-gimgha jkun mit-3.30 pm sas-7.30 pm, u l-access ta nhar ta' Sibt ikun mide-9.30 am sas-7.00 pm.

Illi fil-father's day l-access tal-missier ikun mill-10.00 am sal-4.00 pm.

Illi fil-Milied tas-sena 2007 l-access ikun bejn l-10.00 am sal-3.30 pm, u fl-Ewwel tas-Sena l-access ikun bejn 4.00

pm sas-7.00 pm. Dawn il-hinijiet ghandhom jalternaw ruhhom kull sena.

Illi fl-Ghid il-Kbir tas-sena 2008 l-access tal-missier ikun mill-4.00 pm sas-7.00 pm; u fis-sena segwenti mill-10.00 am sat-3.30 pm u jibqa' hekk b' mod alternat ghas-snin sussegwenti.

Illi fil-birthday li gej tal-minuri l-access ikun mill-4.00pm sat-7.00 pm, u fis-sena sussegwenti mill-10.00 am sat-3.30 pm b' mod alternat.

Il minuri ghandu jingabar mill-post fejn ikun jirrisjedi ma' ommu, u ghandu jigi ritornat fl-istess post.

Illi fl-ewwel sitt xhur l-access ikun monitored mill-Agenzija Appogg li ghandha tirraporta permezz ta' nota, fl-gheluq is-sitt xhur jew anke qabel jekk ikun il-kaz, ghas-spejjez taz-zewg partijet.

**Manteniment**
Illi anke f' dan ir-rigward il-Qorti in sostanza tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali; u li konformament, tenut kont ta' l-introitu dikjarat ta' l-attur huwa ghandu jikkontribwixxi ghal manteniment ta' ibnu s-somma ta' hamsin lira maltin [LM50] <u>kull erba gimghat,</u> u inoltre jhallas nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri, inkluzi mizati, kotba, uniformi, trasport u anke dawk extra kurrikulari, versu d-debiti kontijiet jew ricevuti.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-talbiet attrici kif ser jinghad:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri wiehed [1] u sitta [6],stante li z-zwieg gie annullat; u tat-talbiet numri [3][4][5] stante ftehim bejn il-partijiet;

[2] tilqa' t-tieni talba billi tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Shane tkun kongunta bejn iz-zewg partijiet; u li l-minuri jibqa' jghix mal-konvneuta bid-dritt ta' access ghal missier kif fuq indikat;

Tiddecidi dwar il-kontro talba tal-konvenuta billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri [1][4][5] u [6];

[2] tilqa' t-tieni talba limitatament kif fuq indikat;

[3] tilqa' in parte t-tielet talba, u tordna li l-attur jikkontribwixxi ghal manteniment ta' ibnu s-somma ta' hamsin lira maltin [LM50] kull erba gimghat, u inoltre jhallas nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri, inkluzi mizati, kotba, uniformi, trasport u anke dawk extra kurrikulari, versu d-debiti kontijiet jew ricevuti; tichad il-kumplament ta' din it-talba;

L-ispejjez kollha ghandhom jinqassum bejn iz-zewg partijiet ugwalment.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza ghandha tigi komunikata lill-Agenzija Appogg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------